MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 380/2011

**Josephine Fava**

**-vs-**

**Dorianne Vella**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat fit-18 ta' April 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet hekk:

1. Jiena sid tal-fond Block 2, Flat 6, Triq Sciortino, Żebbuġ, Malta u dan kien mikri għand Dorianne Vella. Illi skont skrittura tal-4 ta' Marzu 2011 binti Rita Cassar bi prokura tiegħi kienet ftehmet ma' Dorianne Vella illi b'effett immedjat tiġi terminata l-istess kirja u illi l-istess Dorianne Vella ma kellha ebda pretenzjoni għall-okkupazzjoni tal-post imsemmi u ħadd iżjed ma kellu jedd joqgħod fl-istess fond.

2. Illi sussegwentement l-istess Dorianne Vella bidlet il-fehma tagħha u qed tippretendi illi żżomm il-kirja sas-17 ta' Lulju 2011.

3. Illi *stante* r-rinunzja għall-kirja u tħassir ta' ftehim preċedenti, illum Dorianne Vella qed tokkupa l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi. Illi għalkemm ġiet infurmata biex tiżgombra, hija baqgħet m'għamlitx dan u għalhekk qed tiġi adita din l-Onorabbli Qorti biex permezz tal-proċedura tal-giljottina, hija tiġi żgumbrata mill-istess fond

**Kawżali**

1. Illi l-konvenuta qed tokkupa l-fond Block 2, Flat 6, Triq Scortino, Żebbuġ, Malta mingħajr ebda titolu validu fil-liġi wara l-4 ta' Marzu 2011 u dana peress illi hija kienet ħassret fl-4 ta' Marzu 2011 b'effett immedjat il-kirja li kellha preċedentement u ddikjarat li m'għandha l-ebda pretenzjoni għall-okkupazzjoni tal-fond imsemmi u minkejja li ġiet infurmata biex tikkonsenja ċ-ċwievet, naqset li tagħmel dan u għalhekk qed tokkupa l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

2. Illi l-istess konvenuta m'għandha ebda eċċezzjoni x'tagħti

**Talbiet**

Tgħid l-istess konvenuta għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tipproċedi biex taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *stante* r-raġunijiet premessi.

2. Tordna l-iżgumbrament tal-istess Dorianne Vella fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat mill-fond Block 2, Flat 6, Triq Sciortino, Żebbuġ, Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-konvenuta.

Peress li kif jirriżulta mill-verbal tal-lum stess il-Qorti jidhrilha li l-istess konvenuta m'għandhiex eċċeżżjonijiet validi xi tressaq;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenuta**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------